

It-tieni aggravju jirrigwarda l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni żbaljati tal-Linji gwida (dokument VI/5530/1997) u tikkonċerna l-eżistenza tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' korrezzjoni finanzjarja ta' 25 %, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni żbaljati tal-Artikolu 296 TFUE u tal-Artikoli 43, 44 u 137 tar-Regolament Nru 73/2009, għal motivazzjoni insuffiċċenti u kontraditorju tas-sentenza appellata, għall-ksur tal-prinċipju tal-opportunitajiet ugwali tal-partijiet u għat-tibdil fir-rapport ta' sinteżi.

- B. Sa fejn is-sentenza appellata teżamina t-tielet aggravju, dwar l-impożizzjoni ta' korrezzjoni finanzjarja ta' 5 % għal nuqqas ta' konformità tas-sistema ta' identifikazzjoni tal-porżjonijiet agrikoli (SIPA) (punti 141 sa 162 tas-sentenza appellata).

It-tielet aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' legalità, tal-amministrazzjoni tajba, tad-drittijiet ta' difiża tal-amministrat, ta' ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tal-interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljati tal-Artikolu 296 TFUE u ta' motivazzjoni mhux suffiċjenti.

- C. Sa fejn is-sentenza appellata teżamina r-raba' aggravju, dwar l-impożizzjoni ta' korrezzjoni finanzjarja ta' 2 % (punti 163 sa 183 tas-sentenza appellata).

Ir-raba' aggravju jikkonċerna l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni żbaljati tal-Artikolu 31(2) tar-Regolament Nru 1122/2009 u tal-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 796/2004, motivazzjoni mhux suffiċjenti tas-sentenza appellata, kif ukoll żnaturament tal-kontenut tar-rikors.

- D. Sa fejn is-sentenza appellata teżamina l-hames aggravju, dwar is-sistema ta' kundizzjonalità (punti 184 sa 268 tas-sentenza appellata).

Il-ħames aggravju jikkonċerna l-interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljati tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 885/2006 u l-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1290/2005, kif ukoll motivazzjoni mhux suffiċjenti tas-sentenza appellata.

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Gattie tat-23 ta' Jannar 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesgerichtshof – il-Ġermanja) – Die Länderbahn GmbH DLB vs DB Station & Service AG

(Kawża C-344/16) (1)

(2018/C 190/23)

## Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 428, 21.11.2016.

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Frar 2018 – Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea vs PT Wilmar Bioenergi Indonesia, PT Wilmar Nabati Indonesia, Commission européenne, European Biodiesel Board (EBB)**

(Kawża C-603/16) (1)

(2018/C 190/24)

## Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(<sup>1</sup>) ĠU C 30, 31.01.2017.